Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,644, 15 ta' Mejju, 2026
Taqsima B

A.L. 150 tal-2026

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali". L.S. 595.14.

Jissostitwixxi l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa "l-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistemi ta' Infurzar Lokali.".

Jemenda l-artikolu 3 tal-ordni prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu (a) tal-artikolu 3 tal-ordni prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(aa) timplimenta l-miżuri ta' sigurtà xierqa għall-fini li tiġi żgurata s-sigurtà ta' uffiċjali tal-komunità fil-qadi ta' dmirijiethom;

Kap. 164.

(ab) tissorvelja sistemi elettroniċi kif delegati jew preskritti fl-Att dwar il-Pulizija u fil-leġiżlazzjoni sussidjarja tiegħu u fl-Att dwar il-Monitoraġġ Elettroniku;".

Kap. 651.

Iżid artikolu ġdid fl-ordni prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 6 tal-ordni prinċipali għandu jiġi

Verżjoni Elettronika

miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Miżuri ta' sigurtà.

6A. Bla ħsara għal kwalunkwe waħda mill-funzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni, l-Aġenzija għandha timplimenta miżuri ta' sigurtà xierqa, li jistgħu jinkludu *inter alia*, kameras li jistgħu jintlibsu jew kwalunkwe tagħmir elettroniku ieħor, li l-Aġenzija tista' tqis meħtieġ sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-uffiċjali tal-komunità fil-qadi ta' dmirijiethom. Ir-recordings meħuda minn tali tagħmir għandu jintuża biss għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali u proċeduri kriminali.".

Iżid artikoli ġodda fl-ordni prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Ġbir ta' drittijiet.

11. L-Aġenzija għandha tiġbor id-drittijiet għal servizzi imwettqa skont dan l-ordni u d-drittijiet pagabbli għandhom ikunu dawk stabbiliti mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

Protezzjoni tad-data.

12. (1) L-applikabbiltà tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) u tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data inkluż ir-regolamenti kollha magħmula taħtu u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data ma għandhiex tiġi preġudikata minn dan l-ordni.

Kap. 586.

(2) Fejn l-ipproċessar tad-data jkun qiegħed jitwettaq minn kwalunkwe tagħmir imsemmi fl-artikolu 6A, l-Aġenzija fil-funzjoni tagħha bħala kontrollur tad-data, għandha timplimenta avviżi viżibbli, li jistgħu jinkludu *inter alia*, badges milbusa fuq, jew ħdejn it-tagħmir, sabiex jiġi żgurat li s-suġġetti tad-data jkunu informati bl-operazzjoni tal-ipproċessar fil-ħin tal-ġbir tad-data. L-Aġenzija għandha tipprovdi lis-suġġetti tad-data bl-informazzjoni kollha relevanti msemmija fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

Verżjoni Elettronika

(3) L-Aġenzija għandha tiżgura li r-recordings proċessati permezz ta' kwalunkwe tagħmir imsemmi fl-artikolu 6A, jiġu pproċessati strettament għall-finijiet imsemmija fl-imsemmi artikolu. Fejn id-data personali ma tibqax aktar meħtieġa għall-finijiet li għalihom id-data personali ġiet ipproċessata, il-kontrollur għandu jħassar id-data personali mingħajr dewmien żejjed.

(4) Fejn l-Aġenzija żżomm ir-recordings meħuda skont l-artikolu 6A u tali recordings ikun fihom data personali ta' persuni fiżiċi li ma tkunx meħtieġa għall-għanijiet tal-ipproċessar, il-kontrollur għandu jfittex li jċajpar jew janonimizza tali data personali, fejn possibbli u sakemm tali miżura ma tiddegredax il-kwalità jew l-użu tad-data, u sakemm tali miżura ma toħloqx possibbiltà raġjonevoli li trendi impossibbli jew li tfixkel serjament il-kisba tal-għanijiet tal-ipproċessar.

(5) L-Aġenzija għandha, wara li tqis l-istat, l-ispejjeż tal-implementazzjoni u n-natura, l-għan, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità diversa għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, timplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex tiżgura livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju ppreżentat mill-attività tal-ipproċessar.

(6) L-Aġenzija għandha tagħti aċċess għar-recordings meħuda permezz tat-tagħmir imsemmija fl-artikolu 6A biss lil persuni awtorizzati mill-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni u skont mekkaniżmu strett ta' kontroll ta' aċċess.

(7) L-Aġenzija għandha timplimenta politika interna sabiex tħarreġ lill-uffiċjali tal-komunità fuq l-użu xieraq tat-tagħmir imsemmi fl-artikolu 6A f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), u tispeċifika meta u kif dan it-tagħmir għandu jintuża mill-uffiċjali tal-komunità fil-qadi ta' dmirijiethom.

(8) L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data maħtur mill-Aġenżija għandu jiġi involut u kkonsultat fil-ħin fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tad-data personali pproċessata mill-Aġenzija.".